MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 318/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1675/14 fl-ismijiet:**

**Gasan Mamo Insurance plc**

**vs**

**Carmel Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent Carmel Agius li gie pprezentat nhar il-5 ta' Settembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi l-esponenti rcieva l-imsemmi mandat, liema mandat zamm lilu flus li huwa jircievi bhala pensjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fix-xahar. Illi jinghad li l-kont bankarju li l-esponenti ghandu mas-socjeta' Bank of Valletta plc [Rabat Branch] jintuza biss mill-esponenti ghal iskop li huwa kull nhar l-ahhar tax-xahar jircievi c-cekk tal-pensjoni.*

*Illi l-flus li huwa jdahhal mis-sigurta socjali certament li anke legalment ma jistghux jigu kolpiti bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru u dana anke fid-dawl li dan huwa l-uniku dhul finanzjarju tal-esponenti. Illi huwa ghalhekk bid-dovut rispett importanti ghall-esponenti li dan ir-rikors jigi trattat b'mod spedit stante li bil-kemm ghandu biex jaghmel il-bzonnijiet ta' kull jum minhabba f'dak li gara.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-ammont ta' flus li huwa maqbud u li jirrapresenta l-pensjoni mensili tal-esponenti pagabbli mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ma jigix kolpit bl-effett ta' dan il-mandat ta' sekwestru."*

Rat ir-risposta ta' tas-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited li giet ipprezentata fis-17 ta' Settembru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

*"Illi huma qed joggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrenti, Carmel Agius, ghat-tnehhija tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, u dana billi l-istess rikorrenti naqas milli*

*jipprovdi dokumentazzjoni in sostenn ta' dak li qed jallega, u cioe' illi l-flus depositati fil-kont fil-Bank of Valletta Plc., jikkonsistu biss fil-pensjoni tieghu.*

*Huwa minnu illi skond Artikolu 381(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-pensjoni ma tistax tigi kolpita bl-effett ta' Mandat ta' Sekwestru, izda dana ikun il-kaz biss jekk bhala sekwestratarju gie notifikat id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Hawn si tratta ta' flus li jinstabu depositati f'bank, u li l-origini taghhom ma gietx ipprovata b'ebda mod.*

*Jigi rilevat illi l-ammont dovut lis-socjeta' esponenti mir-Rikorrenti jirrizulta minn titolu esekuttiv naxxenti minn decizjoni finali f'Arbitragg Mandatarju fejn l-istess Rikorrenti kien ippremetta li ibnu, Joseph Agius, kien qed isuq vettura li kienet involuta f'incident tat-traffiku ma' vettura ohra assikurata ma' GasanMamo Insurance Limited. Il-vettura, misjuqa minn Joseph Agius u proprjeta ta' Carmel Agius, ma kinitx, meta sehh dan l-incident, koperta b'ebda polza ta' assikurazzjoni u l-istess Joseph Agius kien taht l-eta permessibbli biex isuq.*

*Carmel Agius ghandu jaghti lis-socjeta' Gasan Mamo Insurance is-somma ta' €4,412.79 bhala sorte oltre l-imghaxijiet u spejjes, u ghalhekk l-esponenti in vista tal-premess ma jarax ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza t-tnehhija tal-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront ta' Carmel Agius."*

Semghet lil **Joseph Caruana** ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta jixhed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014. Dana spjega li r-rikorrenti odjern ghandu kont wiehed biss mal-Bank of Valletta tal-ghamla *Savings* li jgib in-numru 40019721660 intestat f'ismu u li fil-jum tat-23 ta' Ottubru 2014 huwa kellu bilanc

kreditu fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u sitta u erbghin ewro u tmienja u hamsin centesmu (€2,346.58). Mistoqsi x'pagamenti jidhlu f'dan il-kont wiegeb li jidhol *direct payment* mis-Central Bank ta' Malta kull xahar fl-ammont ta' seba' mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sebghin centezmu (€768.76) u xejn aktar. Qal ukoll li din is-somma tirrapprezenta skond dak miktub fl-istatement stess *two thirds pension*.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw f'din l-istess seduta li ma kellhomx xhieda ohra xi jressqu u li kienu lesti li jitrattaw il-mertu tar-rikors.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 il-partijiet trattaw ir-rikors. L-avukat difensur tar-rikorrent iddikjara li s-socjeta' intimata ma tistax tissekwestra dan il-kont bankarju tar-rikorrenti u dan ghaliex f'dan il-kont jigu depozitati biss il-pensjonijiet mensili tar-rikorrent u ghalhekk fl-ispirtu tal-ligi tali somom ma jistghux jigu sekwestrati.

L-avukat difensur tas-socjeta' intimata jghid li l-kliem tal-ligi huwa differenti fis-sens li ma jistax jinhareg mandat ta' sekwestru fuq il-pensjoni ta' persuna u dan skond **Artikolu 381(1)(a)** tal-Kodici tal-Organizazzjoni u procedura Civili.

Illi ghalhekk jispetta lil din l-Qorti sabiex tezamina l-atti tal-kaz u tiddeciedi hi jekk tali mandat ta' sekwestru ghandux jinzamm in vigore fuq il-kont bankarju tar-rikorrenti.

Bhala fatti ma jidhirx li huwa kontestat li dan il-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet inversi numru 1675/14 gie esegwit fuq il-kont bankarju Savings tar-rikorrent, u li f’dan il-kont jigi percepit biss il-pensjoni mensili tieghu mahruga mill-Bank Centrali fl-ammont ta’ seba’ mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sebghin centezmu (€768.76).

**Ikkunsidrat:**

**L-Artikolu 381(1)(a) u (b)** li fuqu hu msejjes ir-rikors in kwistjoni jiddetta:

**381,** (1) *Ma jistghux jinhargu mandati ta’ sekwestru fuq* – (a) *salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances, overtime u hlasijiet ohra);* (b) *beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta’ Socjali jew pensjoni jew allowance ohra ta’ persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern;*

Illi dan l-artikolu huwa ta’ natura eccezzjonali u fil-kaz ta’ pagi huwa ikkwalifikat bl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn jigi specifikat li l-**Artikolu 381(1)(a)** huwa limitat biss bl-ammont tas-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar.

Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji jkunu l-employers u/jew dipartiment u *sticto iuris* mhux applikabbli meta s-sekwestrarji jkunu il-banek. Dan ghaliex in generali hekk kif flejjes jigu depozitati f’kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b’hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu

pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu depositati huma jitilfu n-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju;

Il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta, liema sentenza nghatat fit-2 ta' Novembru 2011 – Avviz Nru 314/2011 – Mag JAB – fl-ismijiet '***Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry Theuma'*** **–** fejn dik l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati cahdet rikors simili ghal dak odjern u sostniet:

*"Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in ezami. Minhabba f'hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti".*

Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet **'Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet is-segwenti:

*'Terga', din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament* ***l-Artikolu 381*** *tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'.*

Illi in principju a bazi ta' dawn is-sentenzi ebda ordni ma tista' tinghata minn din il-Qorti fil-konfront ta' dawk il-flejjes li kienu depozitati go kontijiet bankarji u li gew maqbuda bis-sekwestru de quo, nonostante l-fatt li setghu kienu pagi jew pensjoni. Dan anke fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet ***'*****Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel*** ***'*** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet *'illi kull disposizzjoni singola prevvista mill-**Artikolu 381** ma tistax tigi estiza oltre l-kazijiet f'dan l-istess artikolu espress'*.

Illi huwa fatt maghruf li llum il-gurnata l-beneficcji socjali li jigu moghtija mill-Gvern ta' Malta jigu depositati f'kont ta' persuna li tkun intitolata ghal tali ghajnuna. Izda f'dan il-kaz jidher bic-car li dan il-kont bankarju tar-rikorrenti huwa dak il-kont li jilqa' biss u limitatmanet il-pensjoni li huwa jircievi mensilment kif jirrizulta minn ezami tal-*bank statement* tieghu esebit li jkopri l-perjodu minn Jannar 2014 sa Novembru 2014. Illi ghalhekk kieku din il-Qorti kellha tilqa' d-difiza tas-socjeta' intimata tkun indirettament qed tawtorizza li l-pensjoni tar-rikorrenti tigi sekwestrata u dak hu proprju dak li ma riedx il-legislatur. Dan mhux il-kaz li l-pensjoni qed tigi depozitata f'kont flimkien ma' flejjes ohra li jircievi l-pensjonant u jithaltu u jsiru kont wiehed u b'hekk il-kont jigi snaturat izda huwa kont dirett biss biex jilqa' l-pensjoni tar-rikorrenti.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti qieghda tichad ir-risposta tas-socjeta' intimata b'dan illi qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u konsegwentement qieghda tordna l-hrug tal-kontro-mandat fuq il-mandat ta' sekwestru numru 1675/14 fl-ismijiet inversi.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghanda tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------